GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA,
IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI
DIRETTORAT GĦAR-REGOLAZZJONI VETERINARJA

Newsletter 1- 03/07/2023

# Ir- Reżistenza għall-Antibijotiċi mill-Batterja fl-annimali li jaffetwa l-bniedem ukoll

Qed jiġri li l-bnedmin u l-annimali qed idumu iżjed biex ifiqu minn infezzjonijiet minkejja l-użu tal-antibijotiċi. Qed ikollhom jintużaw dożi dejjem akbar ta' antibijotiċi u li xi drabi xorta ma jaħdmux sew. Din tissejjaħ reżistenza għall-antibijotiċi (antibiotic resistance). Din ir-reżistenza għall-antibijotiċi fl-annimali tiżdied bi prattiċi ħżiena bħal dawn li se nsemmu:

1. Użu bla bżonn mingħajr riċetta tal-kirurgu veterinarju.
2. Użu mhux kif indikati , pereżempj mhux skont il-kwantitajiet neċessarji (inqas jew iżjed milli suppost), jew għal numru ta` ġranet inqas minn suppost.
3. Użu preventiv biex ipatti għal mard ikkawżat minn problemi li jistgħu jiġu solvuti b` mod ieħor, pereżempju nuqqas ta' ndafa u ventilazzjoni, u temperaturi mhux addattati
4. Tixrid tal-antibijotiċi fl-ambjent, minħabba antibijotiċi skaduti u permezz tal-ħmieġ tal-annimali. Dan jista' ikollu fih fdaljiet tal-antibijotiċi. Eżempji tipiċu ta' tali tixrid huwa mill- ħmieġ tal-ħamiem tat-tiġrija jew demel fl-għelieqi
5. Kontaminazzjoni mill-batterji reżistenti tal-prodotti tal-ikel ġejjin mill-annimali waqt il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-konsum tal-ikel
6. Nuqqas ta' ndafa, f'ambjenti fejn huwa komuni li ssib tipi differenti ta' batterji. Eżempju ta` dan huma irziezet, lofts tal-ħamiem,sptarijiet tal-bnedmin jew l-annimali.

L-użu ħażin ta' antibijotiċi jwassalhom biex ma jibqgħux jaħdmu fuq l-annimal tal-ikel jew pets. Bħala riżultat, m'għadhomx joqtlu l-batterji li jikkawżaw infezzjonijiet fl-annimali. Il-batterji li ma jinqatlux mill-antibijotiċi jissejħu batterji reżistenti u jistgħu jinfirxu fuq il-bnedmin ukoll.

Għax il-batterji m' għandhomx fruntieri. Jinxterdu mill-ikel, mill-ambjent, minn bniedem għal bniedem, minn annimal għal bniedem u minn bniedem għall-annimal. Fattur jaffetwa lil ieħor. Dan huma l-prinċipju 'Ta Saħħa Waħda' (One Health)

Il--Ministeru tas-Saħħa u l-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-annimali qed jaħdmu flimkien biex iwettqu pjan nazzjonali maqbul bejniethom sabiex flimkien jiġġieldu dil-problema serja. Il-Food and Agriculture Organization (FAO), il- UN Environment Programme (UNEP), il-World Health Organization (WHO) u l- World Organisation for Animal Health (OIE), qegħdin jaħdmu flimkien biex id-dinja kollha tiġġieled din il-problema. Iżjed informazzjoni tinsab hawn A Strategy and Action Plan for the Prevention and Containment of Antimicrobial Resistance in Malta (2020 – 2028)